MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 413/2008

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Christopher Micallef (ID 388272 M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, hames mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€4573.44) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ diversi servizzi telefonici bin-numru 21382473/4/5 (AC 40016349), 21388918 (AC 10129747) u 347666 (AC 10095029) skond kif jirrizulta mill-annessi Dok A sa F.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fl-4 ta’ Gunju, 2009 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------